Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 6 ta' Mejju 2024**

**Kump. Nru. 569/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Xerri)**

**Versus**

**David Sciberras**
**(0535964M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **David Sciberras** ta' 55 sena, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 535964M.

Akkuzat talli nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' Lulju 2020 ghall-habta tas-siegha u kwart ta' filghodu u l-hinijiet ta' qabel gewwa l-Pjazza Qalb ta' Gesu', f' San Giljan :-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Daniel Dominique De Niet f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha tieghu, liema griehi huma ta' natura gravi; Artikoli 214, 215 u 216 talk-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Janna Marike Buikema f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha taghha liema griehi huma ta' natura hafifa; Artikoli 214, 215 u 221(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) ghad-dannu ta' Daniel Dominique De Niet; Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Onorabbli Qorti giet gentilment mitluba tohrog Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkuzat sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Daniel Dominique De Niet u Janna Marike Buikema, jew ghaz-zamma tal- ordni pubblika, jew ghall- iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fl-1 ta' Dicembru 2022 l-Avukat Generali ipprezenta l-Artikoli, (esebiti *a fol*. 155 tal-atti processwali) wara li deherlu li mill-kumpilazzjoni tista' tinstab htija (jew htijiet) taht dawk li hemm mahsuba:

1. Fl-artikoli 214,215 u 216 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-artikolu 214, 215 u 221(1) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-artikoli 325(1)(a) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Fl-artikoli 15A, 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti prezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-Prosekuzzjoni fid-9 ta' Jannar 2024 kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-imputat David Sciberras datata 23 ta' Jannar 2024.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-5 ta' Novembru 2020 semghet lil Daniel Domenique De Niet jixhed fejn iddikjara li ma xtaqx jixhed f'dawn il-proceduri sabiex ma jinkriminax ruhu, izda fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2021 l-istess xhud ghazel li jixhed. Ix-xhud qal illi fis-26 ta' Lulju 2020 fis-1.00am wara li kien spicca xoghol f'nofsilejl, kien miexi lejn id-dar tieghu mat-tfajla u qasmu t-triq wara Saddles Bar u spiccaw hdejn il-parking. Ma setghux jghaddu mill-bankina ghax kienet maghluqa minhabba xi xoghol tal-kostruzzjoni. Meta kienu hdejn l-ewwel *parking bay* fid-direzzjoni tat-telgha, giet

karozza minn warajhom min-naha tal-lemin bl-ispeed u hu beza' li min kien qed isuq, kien ser jolqot lil huh u gholla idejh, bhala sinjal ta' 'x'inhu jigri?' David Sciberras, l-imputat, li gharaf fl-awla, beda jghajjat mill-karozza u joffendihom bil-kliem '*fuck you go back to your country u fuck your mother*'. Ix-xhud kompla jghid illi f'daqqa wahda sema' l-bieba tal-karozza tinghalaq u ra lil David gej b'girja ghal fuqu. Hu beda jipprova jimbuttah lura, izda l-imputat tah daqqa bil-ponn fuq in-naha tax-xellug ta' wiccu u b'hekk waqa' mal-art u ra d-demm u waqghulu xi snien. Ra lil David jipprova jattakka lit-tfajla tieghu u l-imputat taha daqqa f'wiccha, izda x-xhud ma jafx jekk hux bil-ponn, u b'hekk mar ghall-imputat u tah daqqa hu b'idejh ix-xellugija fuq il-lemin ta' wiccu. Ix-xhud beda jghid lil huh u lit-tfajla biex imorru malajr l-ghassa tal-Pulizija li kienet vicin u nfurmaw lil Pulizija x'kien gara. Il-Pulizija marru fuq David li kien ser jipprova jitlaq u zammewh u dahhluh l-ghassa. Huma kienu taw l-istqarrijiet taghhom lill-Pulizija. Hu qal illi qabel l-incident gja kellu problema bi snienu ghax kellu phobia mid-dentist. Meta x-xhud mar l-isptar, it-tabib induna li kellu qasma fuq xoftu u zewg sinniet fuq in-naha tax-xellug imkissrin u kkonferma c-certifikat *a fol.*10. Wara mar ghand id-dentist li kien hejja rapport li kkonferma li kien dak a fol. 11 sa 14. Ix-xhud qal illi wara l-incident ma kienx ha medicina u kien ghadu ma rrangax snienu ghax biex jirranghom kellu spiza ta' € 5,210. Fil-kontro ezami, meta gie mistoqsi kif it-tfajla tieghu kienet qalet li kienu qeghdin jaqsmu t-triq, hu wiegeb illi forsi tfixklet. Hu kkonferma li kien hemm struttura tal-konkos li ghalqet l-access ghall-bankina. Ghalkemm fir-rapport kien qal illi David ma kienx qieghed jsuq b'velocita', hu qal illi kien qieghed jsuq b'velocita bizzejjed biex jidhol fil-parking tant illi hasdu. Mistoqsi kif it-tfajla kienet qalet fl-istqarrija li kienet hi li marret f'nofshom u waqghet mal-art fuq irkoptejha, x-xhud qal illi ra lil David jimbuttaha minn wiccha. Ikkonferma li l-griehi mnizzla fic-certifikat tat-tabib tat-tfajla tieghu, kienu fl-irkoppa u mhux fil-wicc. Hu qal illi ma jiftakarx li qal xi kliem lil David, izda li kien gholla jdejh, izda kif l-imputat insulenta lil ommu, kien dar lura u qallu '*oh you are nice*', imma ma nsulentahx. David kien kellmu bl-Ingliz mhux bil-Malti. Ix-xhud ikkonferma li qabel l-incident kien qieghed iwarrab il-flus biex jaghmel snienu. Hu kien mar St James ghax kien jaf illi kellu bzonn *inplants,* u hemmhekk kienu jafu jaghtu t-trattament ghal min kellu phobia ghad-dentisti bhalu. Ix-xhud kompla jghid illi l-ispejjez ta' €5,210 huma ghaz-zewg sinniet biss, u li hu ma kellux ritratti ta' snienu qabel l-incident, ghax ma kienx imur ghand dentist minhabba fil-phobia. Wara li ta daqqa ta' ponn lil David, ma jiftakarx x'ghamel, jew jekk ghamilx xi rejazzjoni, imma kien David li tah

l-ewwel daqqa ta' ponn. Hu beda jghajjat lil huh u lit-tfajla biex jmorru l-ghassa. Fis-7 ta' April 2022 Daniel De Niet ipprezenta kuntratt ta' ftehim mmarkat Dok DD1 fejn minn naha wahda hu flimkien mat-tfajla Janna Marike Buikema u huh Dennis De Niet kienu lahqu ftehim ma' l-imputat David Sciberras li gie iffirmat fid-9 ta' Dicembru 2021 fil-prezenza tal-Avukati taghhom, fejn ftehmu li ma kienux ser ikomplu bil-proceduri kontra xulxin kemm kriminalment kif ukoll civilment.

Illi xehed l-iSpettur Joseph Xerri fejn qal li fis-26 ta' Lulju 2020, kien gie infurmat minn PS407 Kenneth Scicluna, li nfurmah li kien hemm incident bejn erba' persuni f'San Giljan fejn Tony's Bar u kien hemm xi uhud sofrew xi griehi, fejn kien ha l-verzjonijiet tal-persuni involuti. 'L ghada kienu marru l-ghassa bic-certifikati tat-tabib, fejn Daniel De Niet kien sofra griehi gravi u Janna Marike Buikema kienet sofriet griehi hfief. Peress illi De Niet kellu griehi fis-snien kien mar ghat-testijiet ghand id-dentist Dr. Mark Diacono li kien ikkonkluda li kien hemm hsarat fis-snien fl-ammont ta' €5,210 skond Dok. FDS *a fol. 11 et seq*. Hu kien baghat ghall-imputat David Sciberras u tah id-drittijiet tieghu, u wara li l-imputat ikkonsulta ma' l-Avukat tieghu, irrilaxxa stqarrija fil-prezenza ta' l-istess Avukat u PS 467 li tinsab *a fol. 16 et seq.* L-imputat spjega li kellu argument verbali ma' dawn il-persuni li marru fuqu, u hu rrejagixxa u ta daqqa lil wiehed minnhom bil-konsegwenza li waqa' mal-art u telaq 'l hemm. Ix-xhud ikkonferma r-rapport li sar minn PS 407 a fol. 4 u l-update li kien ghamel hu. Fil-kontro ezami, ix-xhud ikkonferma illi Daniel kien qallu li kien hemm fist fight, u fl-istqarrija l-imputat kien qal li minghajr ma haseb, kien ta lil wiehed mill-*parte civile* daqqa b'idejh ix-xellugija fuq in-naha tal-lemin ta' wiccu, u li l-imputat kien qieghed jipparkja l-karozza tieghu u li huma kienu marru fuq David. Il-*parte civile* ma kienux kellmu lilu imma lis-Surgent, u qalulu li David kien saq ghal fuqhom ghalkemm kien qieghed jsuq bil-mod u kien diehel fil-parking space. Mir-rapport tad-dentist irrizulta li s-snien tal-*parte civile* ma kienux f'sitwazzjoni tajba u kien hemm xi difetti fi snienu, imma kawza ta' dan l-incident kien hemm sinna mtajjra u ohra tqacctet. David Sciberras kien ipprovda certifikat ta' griehi u stima tal-hsarat fin-nuccali.

Illi xehed Dr Charles Farrugia, li kkonferma li fis-26 ta' Lulju 2020 kien ra ghal-ewwel darba fl-emergenza, lil Janna Marike Buikema li kellha griehi hfief f'saqajha u lil Daniel De Niet li kellu griehi gravi minhabba f'sinna mkissra u kellu ukoll qasma f'xofftejh u kkonferma c-certifikati taghhom a fol. 9 u 10.

Illi Dr Stephan Camilleri xehed illi fis-26 ta' Lulju 2020 kien ra lil David Sciberras l-health centre tal-Floriana ghax kellu nefha fin-naha tal-lemin ta' wiccu, u kien hareg certifikat ta' griehi hfief li jinsab a fol. 108, dawn il-griehi setghu jkunu kompatibbli ma' daqqa ta' ponn fil-wicc.

Illi xehed PS407 Kenneth Scicluna[1] li fis-7 ta' Lulju 2020, waqt illi kien xoghol l-ghassa ta' San Giljan kienu marru Daniel Domenique De Niet, li kellu dmija f'halqu, flimkien mat-tfajla tieghu u huh fejn allegaw illi kienu gew aggrediti fil-Pjazza Qalb ta' Gesu, faccata tal-ghassa fejn indikawlu persuna li kien David Sciberras. David kien ghadu fil-karozza, li gharaf fl-awla, u hu kien mar ikellmu u ndikalu li kien ukoll garrab griehi u inhargu l-akkuzi kemm kontrih kif ukoll fil-konfront ta' Daniel De Niet. Ikkonferma r-rapport li kien hemm *a fol.* 4 *et seq* u ffirma fuq il-pagni li kien hejja hu. Mill-investigazzjoni irrizulta li kien hemm camera ta' SKS 365 Malta Ltd u pprezenta CD ta' filmat li gie mmarkat Dok KS1. Hu kien ra l-filmat f'diversi cameras, fl-ewwel filmat kienu jidhru zewgt irgiel u mara jitkellmu fit-triq fil-post fejn jieqfu l-karozzi u dehret karozza tasal u wara li kien hemm argument verbali dawn it-tlett min-nies resqu u dehru mixjin lejn Tony's Bar fil-pjazza San Giljan direzzjoni it-telgha ta' Regional Road. Deher ragel li hebb ghal dawn it-tlett min-nies u gew fl-idejn. Kif waqfet il-glieda dawn in-nies dehru mexjin lejn l-ghassa. Ftit wara deher hu stess miexi lejn il-karozza ta' Sciberras, li gharaf fl-awla, fejn tkellem mieghu. Mill-filmat ma setax ikun cert jekk ir-ragel li hebb ghal dawn in-nies kien proprju Sciberras ghax il-kwalita' tal-CD ma kinitx tajba. Fil-kontro ezami ikkonferma li hu ma rax il-glieda u kien kiteb dak li kien qallu Daniel u x-xhieda l-ohra. Fil-camera dehru jitkelmu imma il-camera ma kellhiex sound allura ma jafx x'diskors sar. Ikkonferma li l-persuna li harget mill-karozza mxiet lejn it-telgha u ma waqfitx ghand Tony's Bar.

Illi xehed Dr. Mark Diacono[2] fejn qal illi l-parte civile De Niet kien mar il-klinika ta' Saint James Hospital, Sliema wara li allega li kien involut fi glieda xi tlett ijiem qabel u kien tilef sinna u kellu ohra ticcaqlaq. Dakinhar tal-glieda qallu li kien mar A&E Mater Dei u kien mar ghandu biex jaralu s-snien. Fil-fatt meta invistah sab li kellu r-ras tas-sinna (crown) mtajjra, ghax ir-root kienet ghadha hemm u is-sinna ta' hdejha (incisor) kienet

[1] Fol. 124
[2] Fol. 128

qieghda ticcaqlaq sew. Hu kellu problemi fi snienu kollha, kif jidher fir-ritratt fir-rapport tieghu, kellu cavities kullimkien u problemi kbar, ghax kellu phobia tad-dentist u ma kienx imur ghand id-dentist. Ghalkemm is-sinna kienet tidher li kienet ittajret ricentament, l-istess sinna gja kellha l-problemi. Ix-xhud qal illi hu ma kien ghamillu l-ebda intervent, izda *check up* u rapport, liema rapport ikkonferma li kien *a fol.* 11 sa 14. Fil-kontro ezami ix-xhud qal illi qatt ma kien iltaqa' ma' De Niet qabel mar ghandu ghal *check up* u rapport, u ma kienx tkellem mieghu dwar l-incident, izda l-*parte civile* qallu li kien qala' daqqa ta' ponn waqt glieda u din kienet kompatibbli mal-griehi li kellu. Ma kienx qallu min kien ta l-ewwel daqqa ta' ponn. Ix-xhud ikkonferma li De Niet kien qallu li kellu problemi kbar fi snienu, ghax kien ilu snin kbar ma jmur ghand dentist minhabba fil-phobia li kellu, izda x-xhud ftakar illi l-*parte civile* kellu nefha fuq ix-xoffa. Is-sinna kienet tidher li ttajret ricentament, mhux aktar minn gimghatejn qabel minhabba fil-kulur.

Illi xehed Raymond Baldacchino,[3] li huwa s-sid ta' Tony's Bar, San Giljan fejn qal illi fis-26 ta' Lulju 2020, waqt illi kien gewwa l-bar sema' storbju barra u x'hin hareg ra argument bejn David u tlett persuni barranin li bdew jitkelmu hazin. Semaghhom jghidu lil David *fuck you and fuck your family* u bdew jiggieldu bl-idejn u bil-ponn izda ma setghax jara aktar ghax kienu marru wara l-vann. Ix-xhud qal illi ma jafx min kien ta l-ewwel daqqa.

Illi xehed Mark Briffa[4] fejn qal illi fis-26 ta' Lulju 2020 kien fil-parapett ta' Tony's Bar qieghed jiehu drink, ihares fid-direzzjoni tal-Love sign. F'hin minnhom ra lill-imputat David sejjer biex jipparkja go parking vojt u tlieta min-nies kienu qeghdin iparlaw u jaghlqu l-parking. Hu kien jafu lil David ghax kienu jiltaqghu ghand Tony's Bar u gharfu ukoll fl-awla. David ghamlilhom sinjal biex jersqu u dawn ma resqux, u l-imputat rega' kellimhom biex jersqu, u f'hin minnhom rahom jersqu mixjin fid-direzzjoni tal-bar u jahseb li David rega' kellimhom. Kif resqu hdejh, sema' wiehed minn dawn it-tlett persuni joffendi lil David bl-Ingliz, u jista' jkun li David rega' qalilhom xi haga, imma hu ma setghax jisma,' ghax it-triq traffikuza, u kif waslu hdejn David regghu offendewh billi qalulu '*fuck your family*' xi darbtejn, waqt illi David kien ghadu fil-karozza. Ix-xhud kompla jghid li ra lil David niezel mill-karozza biex imur

[3] Fol. 148A
[4] Fol. 148H

ikellimhom, izda quddiem il-parapett kien hemm vann ipparkjat u dawn il-persuni inkluz David kienu wara l-vann . Dak il-hin waqqfu l-karozzi u xi hadd paqpaq, u x-xhud mar jittawwal u sab lil David izomm wiccu u qallu li kien qala' daqqa ta' ponn u saqsieh jekk rax in-nuccalli, li kien mal-art. Ix-xhud qal lill-imputat sabiex imur jaghmel rapport imma sakemm beda miexi lejn il-karozza lahaq wasal Pulizija.

Illi xehed Dr Stephen Farrugia Sacco fejn ipprezenta rapport mmarkat Dok SFS1 u CD extraction conversion[5].

**Ikkunsidrat**

**<u>L-ewwel (1) akkuza: Artikoli 214, 215 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

Illi mill-atti u mill-filmat jirrizulta illi inqala' argument bejn l-imputat u tlett barranin li kienu weqfin jitkellmu barra mill-bankina fejn kienu qeghdin jostakolaw *parking bay*. Fil-filmat l-imputat jidher jasal u jieqaf u jinghad xi kliem mal-persuni biex jidhol fil-*parking bay*. Il-persuni bdew mixjin lejn it-telgha u jidhru jghaddu minn quddiem Tony's Bar. Skond ix-xhieda li kien hemm Tony's Bar, qalu li semghu lill-barranin jghidu kliem dispergjattiv fil-konfront tal-imputat. Il-*parte civile* Daniel De Niet u t-tfajla tieghu li xehdu ukoll quddiem il-Qorti, qalu li kien l-imputat li kien qal il-kliem dispregjattiv. Ix-xhieda li kienu Tony's Bar ikkonfermaw li l-imputat hareg mill-karozza u baqa' sejjer lejn it-telgha izda ma rawx l-argument ghax kien hemm vann ipparkjat quddiem Tony's Bar. Jidher li kif l-imputat wasal hdejhom, il-partijiet gew fl-idejn. Il-*parte civile* qalu li kien l-imputat li ta daqqa ta' ponn lil Daniel De Niet fil-waqt illi l-imputat jghid illi kien De Niet li kien tah l-ewwel daqqa ta' ponn u kien sahanistra tajjarlu n-nuccalli, u b'hekk irrejagixxa biex jiddefendi ruhu ghax ma setax jara minghajr in-nuccali. Dan huwa korraborat mix-xhieda ta' Mark Briffa, li qal li David kien saqsieh jghinu biex isib in-nuccalli. Illi mill-filmat jirrizulta b'mod car illi kien l-imputat li gera ghal fuq il-persuni u hebb ghalihom u ghalhekk l-ewwel (1) akkuza fil-konfront ta' l-imputat giet ippruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

**<u>It-tieni (2) akkuza: Artikoli 214, 215 u 221 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

[5] Fol. 167

Illi għalkemm il-*parte civile* Daniel De Niet jgħid illi l-imputat kien ta daqqa lil Janna Buikema f'wiċċha, fix-xiehda tagħha hi tgħid illi hi kienet ippruvat tifred lill-imputat u lil De Niet, u għalhekk kienet spiċċat waqgħet ma' l-art. Skond iċ-ċertifikat li ġie pprezentat il-ġrieħi tagħha kienu fuq saqajha u mhux f'wiċċha, kif ukoll illi l-parte civile Janna Buikema irrinunzjat għal dak kollu rinunzjabbli u għalhekk, il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni (2) akkuża.

**<u>It-tielet (3) akkuża: Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta</u>**

Illi fir-rigward tat-tielet (3) akkuża jirriżulta illi l-*parte civile* De Niet sofra ħsara fi snienu. Illi il-Qorti tagħmel referenza għall-ftehim li ġie pprezentat mill-*parte civile* Daniel De Niet fis-7 ta April 2022 u li jinsab *a fol.* 114, iffirmat minnu u miż-żewġ persuni li kienu miegħu dakinhar tal-inċident u ċioe' Janna Buikema u Dennies De Niet, kif ukoll mill-imputat, fejn ilkoll iddikjaraw illi kienu qegħdin jirrinunzjaw għal-proċeduri fil-konfront ta' xulxin, għaldaqstant il-Qorti qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuża.

**<u>Decide</u>**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed tilliberà lil imputat mit-tieni (2) u t-tielet(3) akkuża, u wara li rat Artikoli 7, 214, 215 u 216(1)(b) tal-Kapitolu 9, tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lil **imputat David Sciberras ħati tal-ewwel (1) akkuża** miġjuba fil-konfront tiegħu u ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaq l-ebda reat ieħor fi żmien sentejn (2) millum.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Maġistrat**